MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 336/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Charles Yuri Agius.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta konta Charles Yuri Agius (ID 175971(M)) bin Carmel Agius u Annie nee Balzan imwieled tal-Pieta' fil-11 ta' Novembru 1970 u joqgħod St.Joseph, Flat 2, Triq il-Wied, Qormi

2. Akkużat talli b'diveri atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dipożizzjonui tal-Liġi u jkunu ġew maħgmula b'riżoluzzjoni waħda, minn Diċwembru 2012 sa Marzu 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Diane Gouder u / jew lil uliedha s-somma ffissatta mill-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u / jew

għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dil l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

3. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju 2013 li fiha, wara li l-Qorti rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 sabet lill-appellant ħati u kkundannatu xahar priġunerija.

4. Rat ir-rikors tal-appell tal-11 ta' Lulju 2013 li fih ingħad dan li ġej. Illi l-appellant dejjem kien iħallas il-manteniment dovut. Imbagħad seħħew ċirkostanzi li l-appellant ma kellux kontroll fuqhom meta tilef ix-xogħol. Konsegwentement kien impossibbli għalih li jagħti l-manteniment dovut għax-xhur indikati.

5. L-aggravju tal-appellant huwa limitat għal dik li hija piena. Skont l-appellant setgħet kienet imposta piena aktar ekwa u ġusta għaliex m'għandhiex tkun imposta piena fl-ewwel okkażjoni li wieħed ma jimxix mal-Liġi. Dan kien każ fejn l-appellant ma waqafx milli jagħti l-manteniment sempliċiment b'pika. Għalhekk huwa kien qed jitlob riforma fis-sentenza f'dik il-parti dwar il-piena.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiża.

7. Rat iż-żewġ affidavits ta' PC 249 Michael Vella (fol 3 u fol 6), u dak ta' WPS 61 M.Cuschieri (fejn hemm referenza għall-kwerela li saret da parti ta' Diane Gouder. Minn dawn l-affidavits jirriżulta li l-appellant naqas li jagħti l-manteniment għax xhur Diċembru 2012 sa Marzu 2013.

8. Rat ukoll il-kuntratt tat-12 ta' Novembru 2004 b'mod partikolari l-artikolu 5 li jirregola l-ammont tal-manteniment.

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' Diane Gouder li kkonfermat li l-appellant ma kienx taha l-manteniment għax-xhur indikati fiċ-ċitazzjoni. (fol 35). Fil-kontro-eżami hija wieġbet li l-appellant kien allega li kellu problemi b'saħħtu u li mhux dejjem kien puntwali fil-ħlas tal-manteniment.

Ikkonsidrat

10. In-nuqqas ta’ ħlas tal-manteniment huwa ppruvat u l-appell huwa limitat għall-piena. Il-Qorti tat iċ-ċans sabiex ikun jitħallas l-ammont ta’ manteniment dovut.

11. Il-Qorti tinnota li l-appellant naqas li jħallas il-manteniment għal erba’ xhur u għalhekk japplika l-artikolu 18. [1]

12. Izda, waqt is-seduta tallum 28 ta’ Frar, 2014 u ta’ nhar it- Tnejn, 24 ta’ Frar, 2014, l- appellant hallast dak kollu li kien dovut.

## Konklużjoni

13. Ghaldaqstant il- Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi fl- 1 ta’ Lulju, 2013 billi tikkonfermaha fejn il- Qorti tal- Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonjiet dedotti kontrih izda qed thassarha u tirrevokha f’dik il-parti fejn ikkundannatu xahar prigunerija u minflok qed tikkundannah ihallas somma ta’ Ewro 50.

[1] 7. ‘Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta’ xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravenzjonijiet huma:
(a) id-detenzjoni;
(b) l-ammenda;
(ċ) iċ-ċanfira.’

‘18. Meta b’diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoniji tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda,dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista’ tiżdied minn grad sa żewġ gradi.’

‘31(g)it-tlugħ mill-pieni stabbilit għall-kontravenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta’ priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.’

’11. (1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort’oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u l-minimum tleit u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).

’13. Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort’oħra, il-maximum tal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tleita u għoxrin ċenteżmu (58.223) u l-minimum hua sitt euro u disgħin ċenteżmu (6.99).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------